MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 356/2005

Kawza fil-lista: 40

**A B C**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratrici Legali Louise Tufigno nominati b' digriet tat-2 ta' Novembru 2005 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti D E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici ghamlet cerimonja taz-zwieg ma' l-konvenut nhar l-14 ta' Awissu 2004 (Dok A).

U peress li l-attrici saret taf lill-konvenut permezz ta' l-internet u wara xi zmien jikkorrispondu permezz ta' l-internet izzewgu f'Malta.

U peress li l-konvenut li hu ta' nazzjonalita Amerikana gie Malta u ghamel ic-cerimonja taz-zwieg, izda hekk kif izzewweg lanqas ried jikkonsma z-zwieg u wara ftit harab minn Malta u ma nforma xejn lill-attrici fejn mar.

U peress li z-zwieg lanqas biss gie kkunsmat il-partijiet m'ghandhomx tfal minn dan iz-zwieg.

U peress li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja mizzewga u l-kunsens tieghu kien vizzjat b'difett serju fid-diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga jew id-drittijiet essenzjali li johorgu minnha.

U peress li l-kunsens ta' l-attrici nkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga.

U peress li illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bl-ezekuzzjoni taz-zwieg innifsu.

U peress li l-konvenut issuggetta l-kunsens tieghu ghal xi kundizzjoni fil-futur.

U peress li l-konvenut fiz-zmien li sar iz-zwieg ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

U peress li l-kunsens ta' l-attrici nkiseb bl-eskluzjoni ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

U peress li skond id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-14 ta’ Awissu 2004 (Dok A) huwa null u bla effett ghar-ragunijiet ‘l fuq premessi u skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artiklu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha ssottomettew li mhumiex edotti mill-fatti u rrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-affidavis prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha ma’ l-assenti D E C kuntrattat fl-14 ta’ Awissu 2004 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d][c] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament;

Mill-provi mhux kontraddetti rrizulta li fl-14 ta’ Awissu 2004 l-attrici zzewget lill-imsemmi D E C ta’ nazzjonalita’ Amerikana, wara li kienet ilha xi sena tikkominika mieghu minn fuq l-internet u wara mawra qasira li dana kien ghamel f’ Malta. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Di fatti l-attrici ssostni li z-zwieg ma kienx gie kkonsumat ghax l-assenti kien jevita li jkollu x’ jaqsam maghha.

Il-partijiet damu jabitaw flimkien circa hames xhur peress li, minhabba r-riluttanza ta’ l-assenti li jkollu relazzjonijiet intimi ma martu l-attrici, kif ukoll r-riluttanza da parti tieghu li jsib xoghol f’Malta, wasslu lill-attrici sabiex titlaq mid-dar konjugali.  Sadanittant kienet l-attrici li, kellha impieg full time bhala occupational therapist, u li kienet tmanti l-familja, u kienet thallas il-kera ta’ l-appartament. Minn naha tieghu deher car li l-konvenut ma riedx jahdem izda ried jibqa’ jghix minn fuq dar martu u a spejjez taghha. Sussegwentement il-konvenut harab minn Malta.

Mill-kwadru premess jirrizulta car u manifest il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] fuq citat. Jirrizulta li, ghalkemm esternament il-konvenut assenti ghadda minn cerimonja taz-zwieg, l-imgieba tieghu matul il-ftit xhur ta’ hajja matrimonjali flimkien zvelaw li dana, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa internament eskluda obbligazzjonijiet essenjali ghall-hajja mizzewwga, fosthom l-att konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, ai termini tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu precitat, kif ukoll ta’ l-Artikolu 19A.Kap.255

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg bejn il-partijiet kuntrattat fl-14 ta’ Awissu 2004; bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut; izda provvizorjament l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------